

**Rikors ippreżentat fid-19 ta' Frar 2018 – International Skating Union vs Il-Kummissjoni****(Kawża T-93/18)**

(2018/C 142/72)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż***Partijiet***Rikorrenti:* International Skating Union (Lausanne, l-Isvizzera) (rappreżentant: J.-F. Bellis, avukat)*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-8 ta' Diċembru 2017 fil-Każ AT.40208 – International Skating Union's Eligibility rules, u
- tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka tmien motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq il-fatt li d-deċiżjoni kkontestata hija bbażata fuq raġunament ivvizzjat minn kontradizzjoni fundamentali.
2. It-tieni motiv ibbażat fuq il-fatt li r-regoli ta' eliġibbiltà tar-rikorrenti ma għandhomx l-għan li jirrestrinġu l-kompetizzjoni.
3. It-tielet motiv ibbażat fuq il-fatt li r-regoli ta' eliġibbiltà tar-rikorrenti ma għandhomx l-effett li jirrestrinġu l-kompetizzjoni.
4. Ir-raba' motiv ibbażat fuq il-fatt li d-deċiżjoni tar-rikorrenti li ma tapprovax l-avveniment Icederby ta' Dubai tal-2014 taqa' barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 101 TFUE minħabba li din id-deċiżjoni segwiet għan leġittimu skont il-kodiċi ta' etika tar-rikorrenti li jipprojbixxi kull forma ta' sostenn għal-logħob tal-ażżard.
5. Il-ħames motiv ibbażat fuq il-fatt li, fi kwalunkwe każ, id-deċiżjoni tar-rikorrenti li ma tapprovax l-avveniment Icederby ta' Dubai tal-2014 taqa' barra mill-kamp ta' applikazzjoni territorjali tal-Artikolu 101 TFUE.
6. Is-sitt motiv ibbażat fuq in-nuqqas ta' bażi tal-affermazzjoni li r-regoli tal-Qorti tal-Arbitraġġ għall-Isport isaħħu l-allegati restrizzjonijiet għall-kompetizzjoni.
7. Is-seba' motiv ibbażat fuq il-fatt li l-Kummissjoni eċċediet il-poteri tagħha meta imponiet fuq ir-rikorrenti rimedji li ma għandhom l-ebda relazzjoni ma' konstatazzjoni ta' ksur.
8. It-tmien motiv ibbażat fuq in-nuqqas ta' bażi legali valida għall-impożizzjoni ta' pagamenti ta' penalità perijodiċi.

**Rikors ippreżentat fit-12 ta' Frar 2018 – Gollnisch vs Il-Parlament****(Kawża T-95/18)**

(2018/C 142/73)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż***Partijiet***Rikorrent:* Bruno Gollnisch (Villiers-le-Mahieu, Franza) (rappreżentant: B. Bonnefoy-Claudet, avukat)*Konvenut:* Il-Parlament Ewropew

**Talbiet**

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni tal-Bureau tal-Parlament Ewropew bid-data tat-23 ta' Ottubru 2017, bir-referenza PE 610.437/BUR/Decision, kif innotifikata bl-ittra tal-President tal-Parlament Ewropew tal-1 ta' Diċembru bir-referenza D 318700 u li tiċħad l-ilment ta' B. Gollnisch fl-appell tal-Kwesturi kontra d-deċiżjoni tas-Segretarju Ġenerali;
- tannulla d-deċiżjoni kollha tas-Segretarju Ġenerali tal-Parlament Ewropew bid-data tal-1 ta' Lulju 2016, innotifikata fis-6, li tirrigwarda "ammont ta' EUR 275 984,23 li kien tħallas indebitament favur Bruno Gollnisch" u li tordna lill-uffiċjal awtorizzanti kompetenti u lill-kontabilist tal-istituzzjoni biex jirkupraw din is-somma;
- tannulla n-notifika u l-miżuri ta' implimentazzjoni kollha tad-deċiżjoni ċċitata iktar 'il fuq, inklużi fl-ittra tad-Direttur Ġenerali tal-Finanzi tas-6 ta' Lulju 2016, ref. D 201920;
- tannulla n-nota ta' debitu Nru 2016-914 fl-intier tagħha ffirmata mill-istess direttur ġenerali tal-finanzi fid-data tal-5 ta' Lulju 2016;
- tħallas lir-rikorrent is-somma ta' EUR 50 000 b'kumpens tad-dannu morali li jirriżulta kemm mill-akkużi infondati esposti qabel il-konklużjoni tal-inkjesta, kemm mill-ħsara li saret għar-reputazzjoni tiegħu, kif ukoll mill-problemi kbar ħafna fil-ħajja personali u politika tiegħu li kienu l-konsegwenza tad-deċiżjoni kkontestata, u mis-somma kunsiderevoli ta' xogħol li ġie kostrett jiddedika lil dawn il-proċeduri;
- tħallas lill-urikorrent ukoll is-somma ta' EUR 28 000 bħala spejjeż li ġew sostnuti għas-servizz tal-konsulenza legali, għall-preparazzjoni ta' dan ir-rikors u għall-fotokopjar u għall-preżentata tal-imsemmi rikors u tad-dokumenti annessi;
- tikkundanna lill-Parlament Ewropew għall-ispejjeż kollha.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinwoka żewġ motivi diretti speċifikament kontra d-deċiżjoni tal-Bureau.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq diversi ksur tar-rekwiżiti formali essenzjali li l-konvenut wettaq matul l-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata. Skont ir-rikorrent, il-proċedura li wasslet għall-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata tikser id-dritt tar-rikorrent li jara l-kawża tiegħu mismugħa minn qorti imparzjali. Il-konvenut kiser ukoll id-drittijiet tiegħu tad-difiża. Sussegwentement id-deċiżjoni kkontestata tibbaża fuq dikjarazzjoni mhux eżatta tar-rappreżentat tal-Kwesturi u r-raġuni tiegħu ma hijiex suffiċjenti, sa fejn hija ma tirispondix għal diversi lmenti mqajjma mir-rikorrent.
2. It-tieni motiv ibbażat fuq żnaturament tal-fatti li wassal għall-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata.

Ir-rikorrent iqajjem ukoll il-motivi li ressaq kontra d-deċiżjoni tas-Segretarju Ġenerali argumentati quddiem il-Bureau tal-Parlament, sa fejn dan tal-aħħar żamm id-deċiżjoni kkontestata, mingħajr ma ħa inkunsiderazzjoni b'mod korrett l-argumenti imressqa mir-rikorrent.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq vizzji li jaffettwaw l-adozzjoni tad-deċiżjoni tas-Segretarju Ġenerali, relatati man-nuqqas ta' ġurisdiżjoni tas-Segretarju Ġenerali, mal-ksur tad-drittijiet tad-difiża, mal-inverżjoni tal-oneru tal-prova, man-nuqqas ta' suffiċjenza ta' motivazzjoni, kif ukoll mal-preġudizzju għall-prinċipji taċ-ċertezza legali u għall-protezzjoni ta' aspettattivi leġittimi.

2. It-tieni motiv ibbażat fuq preġudizzju għad-drittijiet ċiviċi tal-assistenti parlamentari, tat-trattament diskriminatorju implimentat kontra r-rikorrent, ta' użu ħażin ta' poter, ta' preġudizzju għall-indipendenza tad-deputati u ta' ksur tar-rwol tal-assistenti parlamentari lokali, kif ukoll ta' ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità.

---

## Rikors ippreżentat fit-22 ta' Frar 2018 – Fundación Tecnia Research & Innovation vs REA

(Kawża T-104/18)

(2018/C 142/74)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

### Partijiet

**Rikorrenti:** Fundación Tecnia Research & Innovation (Donostia-San Sebastián, Spanja) (rappreżentanti: P. Palacios Pesquera u M. Rius Coma, avukati)

**Konvenuta:** L-Aġenzija Eżekuttiva għar-Riċerka (REA)

### Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tilqa' r-rikors flimkien mal-motivi li jinsabu fih;
- tilqa' l-motivi invokati f'dan ir-rikors u, konsegwentement, tannulla d-deċiżjoni kkontestata billi tiddikjara li ma għandhomx jħallsu lura l-ammonti li jikkorrispondu għall-kompiti eżegwiti minn TECNALIA;
- tikkundanna lir-REA għall-ispejjeż.

### Motivi u argumenti prinċipali

Dan ir-rikors huwa dirett kontra d-deċiżjoni ta' kontenżjuż dwar proċedura ta' rkupru finanzjarju fir-rigward tal-proġett FP7-SME-2013-605879-FOODWATCH grant agreement. Id-deċiżjoni ta' xoljiment tal-ftehim ta' sussidju tal-proġett FoodWatch hija dovuta għall-allegat nuqqas ta' informazzjoni mogħtija lill-konvenuta dwar l-eżistenza ta' proġett BreadGuard, li, fil-fehma tar-REA, kien simili ħafna għall-proġett FoodWatch fir-rigward tal-għanijiet, il-metodoloġija ta' ħidma u r-riżultati mistennija.

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka ħames motivi.

1. L-ewwel motiv, ibbażat fuq nuqqas ta' motivazzjoni tad-deċiżjoni kkontestata minħabba nuqqas ta' teħid inkunsiderazzjoni ta' elementi li jiskaġunaw evidenzjati minn TECNALIA waqt il-proċedura kontenżjuża ta' investigazzjoni.
2. It-tieni motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-kontenut tal-Anness II tal-Grant Agreement tal-proġett FoodWatch, inkwantu l-konvenuta ma kkomunikatx l-identità tal-esperti indipendenti li sstoskrivew ir-rapporti tal-esperti li fuqhom hija bbażata d-deċiżjoni kkontestata, fejn b'hekk TECNICALIA għet prekluzja milli toġġezzjona kontriha.
3. It-tielet motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-prinċipju ta' tort inkwantu l-konvenuta ma ħaditx inkunsiderazzjoni l-livell ta' parteċipazzjoni ta' TECNALIA fit-twettiq tal-fatti allegati.